# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

ĠUNJU 2020 – Ħarġa Nru: 182




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## MILL-VIRTWALI GĦAR-REJALTÀ!

Waħda mill-preokupazzjonijiet ta' diversi saċerdoti u dawk ta' madwarna f'daż-żmien ta' pandemija, hi: "Min jaf la jerġgħu jiftħu l-knejjes, in-nies tibqax tiġi għall-quddies?" Diversi mill-anzjani jgħiduli li qed jisimgħu aktar minn quddiesa waħda kuljum permezz tal-media. Oħrajn jgħiduli kemm isibuhom komdi li waqt li qegħdin id-dar, bejn ħidma u oħra "jisimgħu" l-quddiesa.

Huwa veru li llum il-bniedem qed jagħmel minn kollox biex iħossu komdu u jwarrab dak kollu li jiskomodah. Imma karatteristika tan-nisrani hi propju li, ma jixxennaqx għal dak li hu komdu iżda għal dak li jisfidah! Il-Papa stess qalilna waqt il-pandemija, li għalkemm hi ħaġa sabiħa li wieħed isegwi l-quddiesa virtwalment, din iżda, "mhix komunità, mhix Knisja"! Ma nħalluhx l-individwaliżmu jidħol ukoll fil-Liturġija! Il-knejjes tagħna jkunu sbieħ mhux meta jkunu vojta iżda, meta mimlija … mhux biss bin-nies imma bi qlub imħeġġin għal xulxin!



**L-għan tagħha**

L-Ewkaristija għandha tibnina f'komunità mhux f'individwi għal rashom!

Il-fatt li nkunu flimkien biex nisimgħu l-istess Kelma u naqsmu l-istess Ħobża; il-fatt li aħna nidraw wiċċ xulxin u anke nitbissmu u ngħidu kelma bejnietna aħna u ħerġin mill-knejjes tagħna, iwassal biex ftit ftit jinbnew il-komunitajiet tagħna. Nifhem li llum, biex toħroġ minn darek flimkien mal-familja tiegħek fil-jum tal-Ħadd, jitlob sagrifiċċju. Kważi tasal biex "taħli" nofs ta' nhar għax illum trid taħseb kmieni, speċjalment dawk li joqgħodu fit-trufijiet tal-parroċċa, kemm minħabba t-traffiku kif ukoll biex issib fejn tipparkja. U dan kollu jista' jaqtgħalna qalbna.

Jista' jkun li wara din il-pandemija, dawk li se jiġu għall-quddiesa, se jkunu Insara aktar konvinti għax iż-żmien li għamlu mċaħħdin mill-Ewkaristija ma qatlilhomx fihom ix-xrara li forsi kienet qed tnemnem, iżda saħħewha. Jiena napprezza lil dawk kollha li f'daż-żmien jiġu kuljum fis-santwarju u anke fi knejjes oħra biex jismgħu l-Kelma, jitqarbnu u anke jqerru, avolja mhux waqt il-quddiesa. Uħud sabu l-ħin biex jagħmlu ftit adorazzjoni fis-skiet. Dan juri li għad

għandna nies li kapaċi jagħmlu sforz biex il-fidi tagħhom jgħixuha b'mod awtentiku.

**Sfida kontinwa**

Nittama wkoll li dan in-nifs li ħadna waqt il-Covid-19, ma jkunx wieħed li jisparixxi malli jispiċċa għal kollox il-lockdown! Iż-żmien li qattajna flimkien fid-djar tagħna, l-attenzjoni li tajna lil min hu vulnerabbli jew jeħtieġ l-għajnuna tagħna, it-tiftix għal dak li hu essenzjali u t-twarrib ta' dak li hu artifiċjali, ir-riflessjoni li għamilna fuq kemm aħna fraġli u vulnerabbli u b'hekk inżajna s-suppervja tagħna, l-ambjent msoffi li gawdejna u tant punti pożittivi oħra li għexna, indaħħluhom fil-kurrikulu tagħna. Irridu nkunu aħna li mmorru kontra l-kurrent!

Il-ħajja tagħna hija ġlieda kontinwa biex aħna mhux biss inkunu neżistu, imma li ngħixu bħala bnedmin umani u mhux robots!

***Dun Evan***

# *MIT-TEMPJU GĦAD-DAR…*

Għalkemm il-Covid-19 ċaħħditna milli ninġabru fit-tempji tagħna għall-kult, speċjalment għall-Ewkaristija, min-naħa l-oħra, il-media pprovIditilna varjetà kbira ta' attivitajiet reliġjużi xi nsegwu! L-Atti tal-Appostli jgħidulna li wara li Ġesù ħallihom biex mar għand il-Missier, l-appostli reġgħu lura lejn Ġerusalemm: "X'ħin daħlu l-belt, telgħu fil-*kamra ta' fuq* tad-dar fejn kienu joqgħodu… U lkoll *qalb waħda* kienu *jitolbu* flimkien ma' xi nisa, u ma' Marija, omm Ġesù u ma' ħutu" (1,13).

Din "il-kamra ta' fuq" jew il-pjan, jew is-sular superjuri seta' kien il-post fejn ġiet iċċelebrata l-aħħar ikla. F'din il-kamra jew pjan, wieħed seta' jinqata' mill-kumplament tad-dinja biex jitlob u jirrifletti. Dan is-sular fid-dar kellu l-istess rwol tat-tempju, tal-muntanja jew tad-deżert kif insibu fl-Iskrittura. Għalhekk kien post tajjeb fejn Alla seta' juri lilu nnifsu.

**X'kien l-użu tagħha?**

Fost il-Lhud, dan is-sular jew din "il-kamra" kienet tintuża bħala post għat-talb, għall-istudju tal-Liġi kif ukoll għall-attivitajiet soċjali tal-familja. Hekk kienu jagħmlu wkoll l-insara tal-bidu meta ma kellhomx quddies fil-knejjes.

Ta' min jistaqsi: F'dan iż-żmien ta' pandemija, kemm użajna d-djar tagħna biex ikunu "domus-ecclesiae" jew "dar-knisja" kif kienu fil-bidu tal-Kristjaneżmu? L-appostli kienu jlaqqgħu l-insara, mhux fit-Tempju imma fid-djar, biex hemm jagħtuhom l-esperjenzi diretti tagħhom ta' Ġesù u anke jaqsmu l-Ħobż flimkien.

Ħafna, bħalissa qed insegwu l-quddies u r-ružarju permezz tal-media – avolja jista' jkun li xi wħud infilsaw il-quddiesa



bejn xi ħidma w'oħra fid-dar jekk mhux ukoll, baqgħu għaddejjin b'dak li kellhom f'idejhom! Hawn min jgħid: Mhux aħjar hekk milli xejn! Jista' jiġrilna li billi l-fidi tagħna ma nistgħux inkejluha f'dik li hi produttività bħal fi ħewjjeġ oħra, allura nagħtuha l-inqas ħin possibli! L-esperjenza tal-quddiesa mid-dar għandha timbuttana għal xi ħaġa aktar, għal meta jiftħu l-knejjes u allura nattendu għall-Ewkaristija fihom.

**Fuq l-istess mejda**

Irridu, issa, nidraw li fid-dar tagħna ssir it-TĦEJJIJA għall-Ewkaristija tal-Ħadd. Ħafna minna issa saru "esperti" fit-teknoloġija. Kemm tkun ħaġa sabiħa kienu l-FAMILJA KOLLHA tħejjiji ruħha billi tistudja u anke taqsam il-Kelma t'Alla fuq l-istess mejda li taqsam l-ikel ta' kuljum! Kemm ikollna familji mhux biss aktar spiritwali imma anke aktar umani!

Xi għajnuniet:

- Insib kwarta fil-ġimgħa (jekk jista' jkun b'ġurnata u ħin fiss), ħalli nfittex fuq il-medja soċjali, il-Kelma t'Alla għalina għal tmiem il-ġimgħa ħalli naqraha fil-kwiet. Infittex anke xi kummentarju fuq il-Kelma ħalli nifhimha aħjar. Dan nagħmlu sabiex meta l-Ħadd ninġabar mal-aħwa fit-tempju, inkun ippreparat.
- Fejn hemm it-tfal, insibu xi site fejn ikun hemm spjegata l-liturġija li jifhmuha t-tfal. Tajjeb li l-ġenituri u t-tfal jisimgħu l-videos imħejjija ħalli jkunu jafu l-Mulej fuq xhiex se jkellimhom.
- Inħeġġeġ lill-katekisti biex anke jibgħatu xi eżerċizzi online lill-ġenituri tat-tfal li jattendu d-duttrina, ħalli jaħdmuh flimkien. Dan iwassal biex il-fidi tiġi trażmessa mill-ġenituri għall-ulied.

**Tisħiħ tal-fidi**

Jekk nagħmlu dan, dak il-ħin li qattajna flimkien bħala familja, anke biex insegwu l-quddiesa virtwalment, ngħadduh issa fi preparazzjoni ħalli l-Ewkaristija ma tibqax xi attività barranija mill-kumplament tal-attivitajiet tagħna, iżda ssir il-***fulcrum*** tal-ħajja kollha tagħna. Jekk naslu s'hawn, allura ngħidu li l-Covid-19 kienet ta' għajnuna anke għat-tisħiħ tal-fidi tagħna!

## L-Ewkaristija skont il-Papa Franġisku:



"Ejjew nirċevu l-Ewkaristija b'radd-il ħajr u mhux bi drawwa. M'għandniex nidraw l-Ewkaristija, li nitqarbnu bi drawwa: Le! Kull darba li nersqu lejn l-altar biex nirċevu l-Ewkaristija għandna nġeddu tassew l-"ammen" tagħna għall-ġisem ta' Ġesù. Meta s-saċerdot jgħidilna "l-Ġisem ta' Kristu" aħna ngħidu "Ammen": imma jalla tkun "ammen" li ġejja mill-qalb, li timpenjana. Huwa Ġesù li salvani; huwa Ġesù li jagħtini l-qawwa biex ngħix. Huwa Ġesù, Ġesù ħaj. Imma m'għandniex nidrawh: għandna nitqarbnu daqs li kieku kienet l-ewwel Tqarbina!

*Mid-diskors tal-Anġelus, 23 ta' Ġunju 2019, Solennità ta' Corpus Domini*

## NILTAQGĦU NHAR … ĠUNJU 2020

**Tnejn 1**: Il-Verġni Marija Omm il-Knisja – Tifkira O
**Erbgħa 3**: San Karlu Lwanga u sħabu martri – Tifkira O
**Ġimgħa 5:** San Bonifaċju, martri – Tifkira O. *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Wara l-quddiesa tas-6.30pm, adorazzjoni u barka Sagramentali.
**Ħadd 7:** **Solennità tat-Trinità Qaddisa.** Niċċelebraw ukoll is-*Sette Giugno*.
**Ħamis 11**: San Barnaba Appostlu – Tifkira O
**Ġimgħa 12**: Bejn it-8.30am u 12.00pm u l-5.00pm sas-6.30pm espozizzjoni tas-SS. mu Sagrament għall-adorazzjoni bħala preparazzjoni għall-festa ta' Corpus Domini. Wara l-quddiesa tas-6.30pm ħin ta' adorazzjoni u Barka Sagramentali.
**Sibt 13:** San Anton ta' Lisbona, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O. Bejn il-5.00pm u 6.15pm espożizzjoni tas-SSmu Sagrament. Wara l-quddiesa, ħin ta' adorazzjoni u Barka Sagramentali.
**Ħadd 14:** **Solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej – Corpus Domini.** Fl-10.15am Konċelebrazzjoni Solenni, purċissjoni mal-knisja u Barka Sagramentali.
**Ġimgħa 19:** **Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.** Bejn it-8.30am u 12.00pm u l-5.00pm u 6.30pm espożizzjoni tas-SS.mu Sagrament u adorazzjoni. Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni Solenni, konsagrazzjoni tal-parroċċa lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u Barka Sagramentali.
**Sibt 20:** Il-Qalb bla Tebgħa tal-Verġni Marija – Tifkira O
**Ħadd 21:** **It-Tnax-il Ħadd ta' matul is-sena.** Niċċelebraw *Jum il-Missier*
**Erbgħa 22:** **Solennità tat-Twelid ta' San Ġwann Battista**
**Ħadd 28:** **It-13-il Ħadd tas-sena**. Filgħaxija ssir il-quddiesa tal-Vġili tas-Solennità tal-għada
**Tnejn 29:** **Solennità tal-Martirju tal-Appostli Pietru u Pawlu.** Filgħaxija ssir l-Ordinazzjoni Presbiterali tad-Djaknu **David Borg**.

### L-EWWEL SIBT TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA

Bi tħejjija għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja:

- Il-Ġimgħa 3 ta' Lulju: Fit-8.00pm. tindaqq Mota Solenni mill-kampnari tas-santwarju u mill-knejjes filjali.
- Sibt 4 ta' Lulju: l-Ewwel Sibt. Fis-5.50pm kurunella, kant tas-Salve Regina, Antifona u Barka Sagramentali. Fis-6.15pm quddiesa kantata bl-omelija.

N.B. Xieraq li jittellgħu l-bnadar fuq il-bjut.



### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Joseph Farrugia, Rose Borg, Alfred Scicluna, Carmela Vella, Emmanuel Bugelli, Joseph Bonnici, Grace Darmanin, Joseph Bugeja, Alfred Zammit, Joan Camilleri, Emmanuel Azzopardi, Carmel Livori, Simon Borg, Eliza Desira, Carmelo Lia.

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*

P.S. Nissieħbu mal-familjari ta' wħud minn dawn ħutna li ħafna drabi ma setgħux ikunu qrib l-għeżież tagħhom waqt mewthom kif ukoll li ma kellhomx il-quddiesa tal-funeral fis-santwarju tagħna. Aktar 'il quddiem issir quddiesa apposta b'suffraġju għal ruħhom fil-preżenza ta' qrabathom.